# Il-Kewkba tal-Milied

*Ta'* Ġużè' Galea

KIEN lejl ikrah: dlam taqtgħu b'sikkina, reżħa xxoqq il-għadam, ċirċ li jġib id-dwejjaq, ħemda, għafsa u swied il-qalb. F'daqqa waħda feġġet kewkba li xeħtet dawl tal-għaġeb, dawl kiebi, safi u ħlejju, dawl li mela l-ħolqien b'dija li tgħaxxaq, li ražžan l-annimali, dawl li qanqal ferħ fi qlub il-bnedmin ta' rieda tajba. Ma' dak id-dawl instama' kant ta' l-Anġli fil-għoli tas-smewwiet u xterdet dija ta' seħer ma' l-erbat irjieħ tad-dinja, dija qisha xrara ta' mħabba li minn sider il-Kbir Alla tferrxet biex tħenni kull ħlejqa fuq din l-art.

Malli feġġet dik il-kewkba twieldet Tarbija f'għar ħdejn Betlem u dik il-kewkba u dik it-Tarbija minnufih qalbu d-dinja, ferfru l-ħolqien u nisslu sura ġdida fil-ħajja. Minn eluf ta' snin id-dinja kienet ilha tistenna dak it-Twelid u sa fl-aħħar dik il-kewkba feġġet bl-aħbar li Dak li kien mistenni minn kulħadd, wasal. Kien twieled Sultan Bin Alla biex jirbaħ il-qerq, biex ixejjen il-kburija, biex ifarraġ il-bnedmin, biex iseddaq bejniethom rabta ta' mħabba, ta' mogħdrija u ta' ħniena.

Wara l-lejl tat-Twelid, dik il-kewkba tal-għaġeb baqgħet tiddi u bid-dija tagħha kienet tnissel hena fil-qlub imdejqa, ħila f'dawk li jiltaqgħu mal-għawġ, tama f'dawk li jixxennqu għassewwa. Donnu fuq id-dinja ma' tul il-lejl kien waqa' minn dik il-kewkba raxx ta' hena u barka li kien isaħħar il-bnedmin u jqanqlilhom qalbhom biex jagħmlu ġid lil xulxin, biex igħinu wieħed lil ieħor, biex iħennu għal għajrhom; kienu jħossu li wasal xi ħadd biex jagħti sura u għamla lil dawk ix-xenqiet tar-ruħ, biex igħallem kif il-bnedmin għandhom iġibu ruħhom ħalli jkattru l-paċi u l-ftehim bejniethom.

Dik it-Tarbija li twieldet mal-kewkba, kibret u saret Raġel li beda jxandar tagħlim ġdid, tagħlim li jserraħ ir-ruħ u jħaffef it-toqol tal-ħajja, li ġibed warajh qtajja' ta' nies, Bniedem li kellu setgħat tal-għaġeb, Mgħallem li beda jfisser għerf ġdid, għerf ta' kobor bla qies imma li jiftiehem malajr minn dawk li jkollhom rieda tajba.

Dak ir-Raġel ħanin dħuli kien bla ħeda jterraq minn naħa għal oħra tal-Palestina, isemma' l-kelma tiegħu bin-nhar għad-dawl tax-xemx u bil-lejl għad-dawl tal-kewkba l-ġdida. Fid-dawl tal-kewkba n-nies kienu jħossu aktar ġibda lejn dak l-Imgħallem

u jitħannu u qalbhom tfawwar bil-hena u s-sliem u l-annimali kienu joħorġu mill-bejtiet u moħbiet tagħhom u jsiru gwejdin u jitħallku mal-bnedmin ta' qalbhom tajba u jersqu mansi u fidili lejn dak ir-Raġel ħanin, donnhom jagħrfuh b'Sid u Ħallieq tagħhom.

Sena wara l-oħra n-nies draw dik il-Kewkba, kienu jitgħaxxqu biha u jħarsu lejha bħala għelm ta' barka u sliem għax bittleblib u d-dawl tagħha kienet tfarraġhom, twetithom, isserraħhom u saħansitra tgħinhom, u teħlishom mit-tiġrib. Hekk, dik il-kewkba ħanina kienet mexxiet it-tliet slaten tal-Lvant meta dawn, kull wieħed għal rasu, kienu ħallew pajjiżhom biex imorru jagħtu ġieh u qima lit-Tarbija mwielda fil-għar ta' Betlem. Dik il-kewkba wkoll kienet uriet it-triq lil Omm u 'l Missier tat-Tarbija meta ħarbu mill-qilla ta' Erodi u fettxew il-kenn fl-Eġittu.

Kull min kien ikun fil-hemm bil-lejl kien jerfa' għajnejh lejn dik il-kewkba fis-sema. It-tfal qabel jorqdu kienu jħarsu lejha bil-ħlewwa mit-twieqi ta' kamrithom u fin-ngħas imxaħxaħ tagħhom kienu dlonk joħolmu biha u jistħajluha qiegħda xxerred fuqhom xita ta' deheb u zekkini. Saħansitra l-għasafar qalb il-weraq kenni tas-siġar, qabel jorqdu u malli jistenbhu, bit-tpespis u l-għana tagħhom kienu jagħtuha l-merħba u jsellmu lil dik il-kewkba tiddi fis-smewwiet.

Imma mbagħad ġara li l-għira u l-kefrija ftiehmu bejniethom sabiex jeqirdu t-tjieba minn fuq wiċċ l-art. Dak ir-Raġel ħanin u għaref, għalliem is-sewwa li kien twieled malli feġġet dik il-kewkba, sab ruħu miċħud u mibjugħ. L-egħdewwa tiegħu ħatfuh, rabtuh u ħaduh quddiem il-Qorti, u minkejja tal-ħaqq u s-sewwa qatgħuhielu għal mewt fuq salib.

Dan ġara tlieta u tletin sena wara l-ferħ li d-dinja kienet ġarrbet bit-twelid tat-Tarbija fil-għar ta' Betlem u bid-dehra tal-kewkba l-ġdida fil-għoli tas-smewwiet. Kien nhar ta' Ġimgħa. Dak il-Bniedem imwieled fil-għar, kien qiegħed imut imsammar fuq is-salib u wara tliet sigħat ta' agunija ħarxa, ħares bil-ħniena lejn Ommu l-għażiża, qaleb għajnejh lejn is-sema, mejjel rasu u temm ħajtu fuq din l-art. Minnufih id-dinja triegħdet, is-sema ċċajpar u dalma kbira għattiet il-ħolqien. In-nies triegħxu, twerwru u marru jinħbew. Il-ħajja waqfet ħiemda u mistħija mid-dnub waħxi li kien sar.

Fil-għaxija l-ħlejjaq kollha mbikkmin u beżgħanin refgħu għajnejhom biex itaffu l-hemm bid-dawl tal-kewkba saħħarija, iżda din kienet għabet u ma dehritx aktar.